MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1314/2002

**Larissa Said.**

**vs**

**Aboulgasm Omar Youness Said.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Novembru 2002 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fl-20 ta' Gunju 2001, l-attrici zzewget civilment lill-konvenut liema zwieg sar fl-Ufficju taz-Zwieg, il-Belt Valletta u dan kif jidher fuq ic-certifikat mehmuz u mmarkat (Dok "LS1");

Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, Jamela u Mariam, tewmin, li ghandhom sena;

Illi l-konvenut zewgha huwa hati ta’ vjolenza, eccssi, sevizzi, ingurji gravi u theddid kif ser jintwera fil-process tal-kawza kif ukoll permezz ta’ dokumenti hawn mehmuza u mmarkati Dok. “LS2”, Dok. “LS3” u Dok. “LS4”;

Illi l-hajja mizzewga m’ghadhiex aktar possibbli minhabba li z-zwieg tkisser irremedjabilment u dan tort unikament tal-konvenut;

Illi s-Sekond’ Awla b’digriet tas-26 ta’ Settembru 2002, tat awtorazzjoni taghha sabiex il-partijiet jkunu jistghu jipprocedu ghall-firda personali quddiem il-Qorti kompetenti;

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba vjolenza, eccssi, sevizzi, ingurji gravi u theddid u li z-zwieg tkisser b’mod irremedjabbli minhabba ragunijiet unikament imputabbli ghalih;

2. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** billi tghid li l-konvenut tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess **artikolu 48;**

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

4. Tillikwida l-istess komunjoni billi tiddikjara li tikkonsisti f’dak kollu li jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

5. Taqsam il-kommunjoni tal-akkwisti f’zewg ishma mhux necessarjament indaqs;

6. Tassenja sehem dak superjuri lill-attrici, u dak inferjuri lill-konvenut;

7. Taghti l-kura u l-kustodja tat-tewmin minuri lill-attrici b'access lill-konvenut kif joghgobha tordna din l-Onorabbli Qorti;

8. Tiffissa l-alimenti li l-istess konvenut ghandhu jhallas bhala manteniment ghaliha u ghal uliedhom u tikkundanna lill-konvenut ihallas il-manteniment hekk likwidat bil-modalita' li joghgobha tordna din l-Onorabbli Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 9 tal-process.

Rat id-digriet ta' affidavit attrici datat 26 ta' Novembru 2002.

Rat li l-konvenut gie debitament notifikat fit-23 ta' Dicembru 2002 izda l-istess konvenut ma' pprezenta l-ebda eccezzjonijiet u baqa' kontumaci.

Rat in-nota attrici datata 27 ta' Jannar 2003 fejn pprezentat l-affidavit taghha, ta' Winifred Cardina, Gaetano Cardona, u Caroline Bridget Cardona minn fol. 17 sa fol. 34 tal-process.

Rat ir-rikors tal-attrici datat 28 ta' Frar 2003 u d-Digriet datat 3 ta' Marzu 2003 fejn gie nominat Dr. Vincent Galea bhala Assistent Gudizzjarju.

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' April 2003, 10 ta' Gunju 2003 u 13 ta' Novembru 2003 fejn gie ordat li l-provi li jingabru f'din il-kawza ghandhom jghoddu bhala provi fil-kawza bejn l-istess partijiet Citaz. Numru 975/2002 fuq l-istess lista w il-Qorti tat fakolta' lill-konvenut jipprezenta nota ta' osservazjonijiet fi zmien 20 gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha 20 gurnata ghall prezentata ta' nota

responsiva w il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Ottubru 2004 fejn il-kawza baqghat differita ghas-sentenza ghat-3 ta’ Novembru 2004.

Rat li l-ebda wahda mill-partijiet ma’ pprezentat nota ta’ osservazzjonijiet.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistant Gudizzjarju.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta’ separazzjoni fejn l-attrici qed isostni li hija kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali minhabba principalment il-vjolenza domestika, inkluz theddid, u eccessi li kienet qed tissubixxi minghand il-konvenut, u mill-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li fuq dan il-punt l-azzjoni attrici ghandha tigi milqugha, *stante* li x-xhieda kollha prodotti semmew in-natura vjolenti tal-konvenut, u dak kollu li l-istess attrici kellha tissubixxi bhala vjolenza kemm fizika u kemm morali min-naha tal-istess konvenut, kif jindikaw ukoll ic-certifkati medici esebiti.

Illi jidher li mill-ewwel jiem wara l-istess zwieg l-istess konvenut beda jkun vjolenti mal-attrici u jkasbarha b’kull mod immaginabbli, kif hija stess tirrakona fl-affidavit dettaljat taghha datat 24 ta’ Jannar 2004, fejn f’okkazjonijiet minnhom ikkawza griehi ta’ natura gravi lill-istess attrici bhal meta kisrilha mniehirha, anke peress li huwa kien qed jinsisti mal-istess attrici li ssir musulmana bhalu, peress li l-konvenut kien imwieled il-Libja. Jidher ukoll li tul l-istess hajja flimkien wara t-twelid tal-istess tfal, il-konvenut kien konsistentement jbaxxi u jimmaltratta lill-attrici, kollox bi pressjoni kbira sabiex l-istess attrici thaddan ir-religjon mussulmana, u x-xhieda tal-attrici hija

mimlija referenzi ghall-okkazzjoni wara l-ohra ta' vjolenza domestika u maltrattatament serju tal-konvenut fil-konfront tal-attrici. Dwar dan kollu l-istess attrici hija kkoroborata mix-xhieda ta' ommha Winifred Cardona, ta' missierha Gaetano Cardona, u ta' ohtha Caroline Bridget Cardona.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut, u fil-konfront tal-istess ghandhom jigu applikati *in toto* d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 48** tal-**Kap 16** skond it-tieni talba attrici.

Illi t-tielet talba ghandha wkoll tigi milqugha u dan b'effett mill-Frar 2002 id-data meta l-istess attrici kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali minhabba s-swat fuqha *da parte* tal-konvenut.

Illi mill-provi prodotti ma' jirrizultax li l-istess komunjoni kienet tikkonsisti f'xi oggetti ta' valur u ghalhekk ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz, u almenu minn provi ma' giex ippruvat li l-istess komunjoni kellha xi oggetti ta' valur u ghalhekk it-tielet, ir-raba', il-hames u sitt talba attrici huma biss milqugha f'dan is-sens tad-dikjarazzjoni hawn indikata.

Illi dwar il-kura u l-kustodja tal-istess ulied il-kontendenti din ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici b'dan li l-istess konvenut ghandu jkollu access ghall-istess minuri fl-istess Agenzija Appogg, taht is-supervizzjoni provduta mill-Agenzija Appogg ghal tlett darbiet fil-gimgha ta' siegha kull darba, kif effettivament qed issir bhalissa konsegwenti ghad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 26 ta' Settembru 2002.

Illi dwar manteniment fl-ewwel lok din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment kif decretati mid-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-ammont ta' Lm50 kull xahar, li jirrizulta li l-konvenut naqas li jhallas mit-30 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' din is-sentenza.

Illi mill-bqija ma' hemm l-ebda prova li l-konvenut ghandu xi forma ta' introjtu u ghalhekk il-Qorti ghalkemm tiddikjara li l-attrici u uliedha ghandhom dritt ta' manteniment kontra l-konvenut u tirriserva favur l-attrici u uliedha d-dritt li jekk jigi ppruvat li l-konvenut ghandu xi forma ta' introjtu tkun tista' ggib il-quddiem talba ghall fissazzjoni tal-istess rata ta' retta alimentarja kemm ghaliha u kemm ghall-istess minuri, llum f'din is-sentenza din il-Qorti ma' tistax tillikwida u tistabilixxi l-ebda rata ta' manteniment.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa' t-talbiet attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti minhabba vjolenza, eccessi, sevizzi, ingurji gravi u theddid *da parte* tal-konvenut u li z-zwieg tkisser b'mod irremedjabbli minhabba ragunijiet unikament imputabbli lill-istess konvenut;

2. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-**artikoli 48 u 51 tal-Kodici Civili** billi tiddikjara li l-konvenut tilef id-drittijiet imsemmija fl-istess **artikolu 48,** liema artikolu qed jigi applikat fl-inter tieghu fil-konfront tal-istess konvenut;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u dan b'effett minn Frar 2002;

4. Tiddikjara li ma hemm xejn x''jigi likwidat fl-istess kommunjoni tal-akkwisti *stante* li l-istess ma kienet tikkonsiti f'xejn ta' valur;

5. Tiddikjara li ma hemm xejn x'taqsam mill-istess kommunjoni *stante* li appuntu l-istess ma' kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur, b'dan pero' li kull parti ghandha tigi assenjata kull mobbli fil-pussess attwali taghha u jekk hemm xi dejn dan ghandu jithallas unikament mill-parti li kkuntrattat l-istess dejn;

6. Tiddikjara li ma hemm xejn x'jigi assenjat lill-attrici b'mod partikolari *stante* li l-istess kommunjoni ma' kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur, b'dan pero' li kull parti ghandha tigi assenjata kull mobbli fil-pussess attwali taghha u jekk hemm xi dejn dan ghandu jithallas unikament mill-parti li kkuntrattat l-istess dejn;

7. Taghti l-kura w il-kustodja tat-tewmin minuri lill-attrici b'access lill-konvenut ghall-istess minuri fl-Agenzija Appogg, taht is-supervizzjoni provduta mill-Agenzija Appogg ghal tlett darbiet fil-gimgha ta' siegha kull darba, kif effettivament qed issir bhalissa konsegwenti ghad-Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili datat 26 ta' Settembru 2002;

8. Dwar it-tmien talba fl-ewwel lok din il-Qorti qed tikkundanna lill-konvenut ihallas l-arretrati kollha ta' manteniment *pendente lite* skond kif l-istess gie degretat b'Digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili fl-ammont ta' hamsin lira (Lm50) kull xahar, li jirrizulta li l-konvenut naqas li jhallas mit-30 ta' Ottubru 2002 sad-data ta' din is-sentenza;

Illi mill-bqija *stante* li ma hemm l-ebda prova li l-konvenut ghandu xi forma ta' introjtu, il-Qorti ghalkemm tiddikjara li l-attrici w uliedha ghandhom dritt ta' manteniment kontra l-konvenut u tirriserva favur l-attrici w uliedha d-dritt li jekk jigi ppruvat li l-konvenut ghandu xi forma ta' introjtu tkun tista' ggib il-quddiem talba ghall-fissazzjoni tal-istess rata ta' retta alimentarja kemm ghaliha u kemm ghall-istess minuri, llum f'din is-sentenza din il-Qorti ma' tistax tillikwida u tistabilixxi l-ebda rata ta' manteniment.

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess konvenut, b'dan li din il-Qorti tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja ta' din is-sentenza lic-*Chief Executive Officer* ta' l-Agenzija Appogg.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------